*ESEKUZZJONI TA' KONVENJU – AWTORIZZAZZJONI AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 1323 - TAL-KAP 16 GHALL-ATT TA' AMMINISTRAZZJONI STRAORDINARJA FL-INTERESS TAL- FAMILJA - ARTIKOLU 1322 KAP 16 - ART. 1357 KAP 16.*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 24 ta' Jannar, 2001

**Kawza Numru: 22**
**Citazzjoni Numru: 1677/98/RCP**

**Anne Marie Gaffiero.**

**vs**

**Pierre Gaffiero u Windsor Development Company Limited u Land Investments Limited.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn l-attrici premettiet:-

Illi l-attrici u zewgha l-konvenut Pierre Gaffiero dahlu f'konvenju datat 3 ta' April 1997 Dok. "A" kif sussegwentement estiz bi skrittura tat-28 ta' Jannar 1998, liema konvenju kif estiz kien jiskadi fit-28 ta' Jannar 1998 Dok. "B", fejn il-konvenuti obbligaw ruhhom solidalment li jbieghu u jittrasferixxu lill-atturi li accettaw u obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw l-*utile dominium temporanium* ghaz-zmien rimanenti minn mija u hamsin sena li bdew jghaddu mis-sena elf disa' mija u dsatax (1919) tal-*maisonette* sitwat *"at elevated ground floor level"* sottopost ghal *maisonette* ta' Robert Caruana u ta' Aurora Caruana Frasconia u sovrapost ghal zewg *garages* fi Triq Gdida bla isem li tati ghal Imgiebah Road, Selmun, limiti tal-Mellieha, soggett ghac-cens annwu u temporanju ta' lira u tnax-il centezmu (Lm1.12) fi stat ta' gebel u saqaf *tale quale* fl-istat li kien fil-jum tal-konvenju, bil-pussess battal, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u minn kull haga ohra liberu u frank verso l-prezz u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fil-konvenju li kopja tieghu hija annessa; u li l-attrici Anne Marie Gaffiero fil-mori tal-konvenju, istitwiet proceduri ta' separazzjoni kontra zewgha pero' ghandha interess li tati ezekuzzjoni ghal dan il-konvenju u ghalhekk interpellat lill-konvenuti biex il-vendituri jersqu ghall-att ta' bejgh u zewgha jersaq ghall-att tal-akkwist b'ittri ufficjali tal-24 ta' Lulju 1998, kopji rispettivi esebiti Dok. "C" u "D", u dan inutilment; u li l-attrici kontestwalment ma din ic-citazzjoni

pprezentat rikors biex tigi awtorizzata tagixxi wahedha f'din il-kawza stante li huwa att ta' amminsitrazzjoni straordinarja.

Illi ghalhekk talbet li din il-Qorti, ghar-ragunijiet hemm premessi:-

(1) Tikkundanna lill-konvenuti Windsor Development Company Limited u Land Investments Limited solidament bejniethom jersqu ghall-att notarili ta' bejgh u trasferiment tal-*utile dominium temporanium* ghaz-zmien rimanenti minn mija u hamsin sena li bdew jghaddu mis-sena elf disa' mija u dsatax (1919) tal-*maisonette* sitwat *"at elevated ground floor level"* sottopost ghal maisonette ta' Robert Caruana u ta' Aurora Caruana Frasconia u sovrapost ghal zewg *garages* fi Triq Gdida bla isem li tati ghal Imgiebah Road, Selmun, limiti tal-Mellieha, soggett ghac-cens annwu u temporanju ta' lira u tnax-il centezmu (Lm1.12) fi stat ta' gebel u saqaf *tale quale* fl-istat li kien fil-jum tal-konvenju, bil-pussess battal, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u minn kull haga ohra liberu u frank verso l-prezz u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fil-konvenju.

(2) Tikkundanna lill-konvenut Pierre Gaffiero jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili fejn huwa jixtri

u jakkwista mal-attrici l-*utile dominium temporanium* ghaz-zmien rimanenti minn mija u hamsin sena li bdew jghaddu mis-sena elf disa' mija u dsatax (1919) tal-*maisonette* sitwat *"at elevated ground floor level"* sottopost ghal maisonette ta' Robert Caruana u ta' Aurora Caruana Frasconia u sovrapost ghal zewg *garages* fi Triq Gdida bla isem li tati ghal Imgiebah Road, Selmun, limiti tal-Mellieha, soggett ghac-cens annwu u temporanju ta' lira u tnax-il centezmu (Lm1.12) fi stat ta' gebel u saqaf *tale quale* fl-istat li kien fil-jum tal-konvenju, bil-pussess battal, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u minn kull haga ohra liberu u frank verso l-prezz u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fil-konvenju.

(3) Tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazjoni tal-att notarili.

(4) Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippublika l-att opportun.

(5) Tinnomina kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-konvenuti eventwali kontumaci fuq l-att.

Bl-imghax, bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 sa fol 4 tal-process;

Rat ir-rikors ta' Anne Marie Gaffiero tat-13 ta' Awissu 1998 a fol 7 tal-process u d-digrieti tal-Qorti tad-19 t'Awissu 1998 u tal-31 t'Awissu 1998 fejn laqghet l-ewwel talba tar-rikors tal-attrici fir-rikors taghha anke in vista ta' dak provdut fl-artikolu 1323 tal-Kap 16 u f'dan l-istadju cahdet it-tieni talba.

Rat ir-rikors ta' Anne Marie Gaffiero tat-2 ta' Settembru 1998 u d-digrieti tal-Qorti tat-2 ta' Settembru 1998 u tat-2 ta' Ottubru, 1998 fejn cahdet it-talba ghall-urgenza stante li l-kawza kienet giet appuntata ghad-9 ta' Marzu 1999.

Rat il-verbal tad-9 ta' Marzu 1999 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika ta' wiehed mill-konvenuti wara l-hinijiet legali ghas-6 ta' Mejju 1999.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti Windsor Development Company Limited u Land Investments Limited tas-6 ta' Mejju 1999 a fol 10 tal-process, fejn eccepew:

1. Illi l-konvenju in kwistjoni skada minghajr ebda htija tal-eccipjenti.

2. Minkejja dan, u bla pregudizzju, il-kumpanniji eccipjenti jiddikjaraw li huma lesti li jersqu ghall-att ta' trasferiment finali purche' jsiru l-pagamenti kollha kif pattwiti u *ai termini* ta' l-istess konvenju u purche' ma jkunux kostretti ibatu l-ebda spejjez ta' dawn il-proceduri.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetajiet konvenuti a fol 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-6 ta' Mejju 1999 fejn il-kawza giet differita ghall-prezentata ta' l-eccezzjonijiet mill-konvenut ghas-7 ta' Ottubru 1999.
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Pierre Gaffiero tat-18 ta' Mejju 1999 a fol 24 tal-process, fejn eccepixxa:

1. L-irritwalita` u intempestivita` ta' l-azzjoni stante li qabel ma tista' tigi intentata azzjoni bhal din, trid bilfors issir u tigi konkluza l-azzjoni kontemplata mill-**artikolu 1323 (1) tal-Kap 16.**

2. Salvi eccezzjonijiet ohrajn kompetenti lill-eccipjenti skond il-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 24 tal-process;

Rat il-verbal tas-7 t'Ottubru 1999 fejn Dr Richard Galea Debono rrileva li ghalkemm a tergo ta' fol 10 tal-process hemm indikat li l-konvenut gie notifikat, fil-fatt irrileva li n-notifika jirrizulta li saret f'indirizz mhux specifikat f'Tas-Sliema filwaqt li l-indirizz tal-konvenut Pierre Gaffiero huwa moghti n-Naxxar, u fit-tieni lok li r-rikors gie moghti f'idejn certu Anthony Xuereb li la huwa membru tal-familja tal-konvenut u lanqas impjegat tieghu u li lanqas tah ir-rikors. Dan igib in-nullita` tan-notifika ta' kull ma jsegwi, u ghalhekk ghal dan il-motiv qed tintalab ir-revoka *contrario imperio* tad-Digriet tal-31 t'Awissu a fol 12 tal-process. Dr. Galea ghall-attrici ssottometta li l-atti dehru regolari u bin-notifika li saru u fi kawlunkwe kaz in-nuqqas tan-notifika facilment hija sanabbli b'notifika mill-gdid minghajr konsegwenzi. Il-Qorti dderigiet lill-konvenut Gaffiero biex jipprezenta rikors opportun bil-visto tad-difensur tal-kontro-parti li jkollhom erbat ijiem zmien biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar dan il-punt ghat-18 ta' Novembru 1999.

Rat ir-rikrors ta' Pierre Gaffeiro tal-11 ta' Ottubru 1999 a fol 28 u 29 tal-process u d-digriet tal-Qorti tat-12 ta' Ottubru 1999.

Rat ir-risposta ta' Anne Marie Gaffiero tat-13 t'Ottubru 1999 u d-digriet tal-Qorti ta' l-14 ta' Dicembru 1999 a fol 31 tal-process fejn iddikjarat n-notifika tar-rikors fl-

24 ta' Awissu 1998 bhala nulla u bla effett, u irrevokat *contrario imperio* id-Digriet Taghha tal-31 ta' Awissu 1999, u ordnat in-notifika mill-gdid tar-rikors tal-attrici tat-13 ta' Awissu 1999, lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta w irrisevat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbali tat-18 ta' Novembru 1999 u ta' l-10 ta' Dicembru 1999 fejn il-kawza giet differita ghas-7 ta' Marzu 2000.

Rat it-twegiba ta' Pierre Gaffiero tat-28 ta' Jannar 2000 a fol 36 u 37 tal-process.
Rat il-verbal tas-7 ta' Marzu 2000 fejn il-Qorti tat digriet u laqghet l-ewwel talba attrici fir-rikors taghha tat-13 t'Awissu 1998 u f'dan l-istadju cahdet it-tieni talba attrici fl-istess rikors premess, salv id-dritt tal-istess attrici li jekk ikun il-kaz tippromuovi l-istess talba fi stadju ulterjuri tal-kawza. Il-Qorti ordnat ukoll lill-attrici biex fi zmien seba' t'ijiem tipprezenta kopja legali tal-konvenju mertu tal-kawza odjerna w ordnat lill-istess biex sa l-20 t'April 2000 tipprezenta x-xhieda taghha bl-affidavit bin-notifika lill-kontro-parti u b'riserva tal-kontro-ezami u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi attrici ghall-10 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota ta' l-attrici tal-15 ta' Marzu 2000 a fol 44 tal-process fejn permezz taghha prezentat konvenju datat 3 ta' April 1997 a fol 45 sa 48.

Rat in-nota ta' l-attrici tal-14 t'April 2000 fejn esebiet l-affidivat taghha a fol 49 sa 52 tal-process.

Rat il-verbal ta' l-10 ta' Mejju 2000 fejn Dr Galea Debono ta' ruhu b'notifikat bl-affidavit ta' Anne Marie Gaffiero. Dr M Sciriha ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti ghall-4 ta' Lulju 2000 b'dan li l-konvenuti ghandhom il-fakolta` li jipprezentaw ix-xhieda taghhom bl-affidavit.

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Lulju 2000 fejn Dr Michael Sciriha et prezenta nota fejn irrinunzja l-patrocjinju ta' l-attrici u dehret Dr Evelyn Caruana Demajo li assumiet il-patrocinju tal-attrici. Dr John Refalo ta' ruhu b'notifkat ghas-socjetajiet konvenuti bl-affidavit ta' l-attrici. Dr Refalo salv li jivverifika l-konvenju ddikjara li m'ghandux provi. Deher ukoll Dr Richard Galea Debono ghall-konvenut, liema konvenut ma ressaq ebda provi nonostante li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti. Illi in vista ta' dan Il-Qorti tat digriet fejn inghatat fakolta lill-attrici li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet sa' l-ahhar t'Awissu bin-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom sal-15 t'Ottubru 2000 biex jirrispondu u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 t'Ottubru 2000.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tal-31 ta' Awissu 2000 u d-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Settembru 2000 fejn ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti.
Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attrici Anne Marie Gaffiero tal-31 ta' Awissu 2000 a fol 66 sa 70 tal-process.

Rat ir-risposta ta' Pierre Gaffiero tat-22 ta' Settembru 2000 ghar-rikors ta' l-attrici tal-31 ta' Awissu 2000 a fol 71 sa 72 tal-process.
Rat il-verbal tal-31 t'Ottubru 2000 fejn Dr Evelyn Caruana Demajo rrinunzjat ghall-patrocinju ta' l-attrici prezenti. Dr Anthony Ellul assuma l-patrocinju tal-konvenut. In vista ta' dan id-difensuri talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jippruvaw jitransigu l-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat is-sospensjoni tas-sentenza. Il-kawza giet differita ghall-probabbli cessjoni ghat-12 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn l-attrici nfurmat lill-Qorti li l-avukat taghha hu Dr John Vassallo. Dr Vassallo talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghall-24 ta' Jannar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza saret mill-attrici sabiex tigi ordnata l-esekuzzjoni tal-konvenju datat 3 ta' April 1997, ghall-immobbli deskritta fl-istess citazzjoni attrici, liema konvenju gie iffirmat mis-socjetajiet konvenuti bhala vendituri, u mill-attrici u mill-konvenut Pierre Gaffiero bhala kompraturi.

Illi pero' gara li wara l-iffirmar tal-istess konvenju, inqala' xi dizgwid bejn il-konjugi Gaffiero b'dan illi bejniethom hemm pendenti proceduri ta' separazzjoni rispettivament prezenti mill-konjugi fl-ismijiet **"Anne Marie Gaffiero vs Pierre Gaffiero" -** Citaz. Numru 797/97/NA u **"Pierre Gaffiero vs Anne Marie Gaffiero" -** Citaz. Numru. 2410/98/NA, u ghal xi raguni l-konvenut mhux qed jaqbel li ghandu jsir l-istess kuntratt ghal immobbli indikati fil-konvenju li huwa stess iffirma.

Illi mill-provi prodotti mill-attrici, stante li l-konvenuti l-ohra hadd minnhom ma dehrlu li ghandu jressaq provi, jirrizulta li wara l-iffirmar tal-istess konvenju, l-konvenut Pierre Gaffiero abbanduna id-dar konjugali fid-19 ta' Mejju 1997, u f'Awissu 1998 mar joqghod fl-immobbli mertu tal-konvenju pre-citat u tal-kawza odjerna. Illi jirrizulta wkoll mill-istess provi li l-prezz tal-istess maisonette diga gie imhallas, u ghalhekk din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attrici, li la darba

l-hlas tal-istess immobbli diga sar huwa fl-interess tal-familja, u specjalment tal-konjugi innifishom Gaffiero, partijiet f'din il-kawza, li dan il-kuntratt isehh, u l-istess immobbli jigi trasferit lill-konjugi Gaffiero, taht il-kondizzjonijiet u pattijiet li huma stess accettaw fil-konvenju premess, kif imgedded.

Illi f'dan ir-ragonament, din il-Qorti hija konfortata mill-fatt, li ghalkemm il-konvenut qed jopponi t-talbiet attrici, u fil-waqt li tifhem li qieghed f'kawzi ta' separazzjoni mal-istess attrici, huwa xorta ma gab ebda raguni konkreta ghaliex il-pubblikazzjoni tal-kuntratt mhux fl-interess tal-familja u tal-komunjoni tal-akkwisti, u dan presumibilment peress li huwa veru difficli li jaghmel dan, meta wiehed jikkonsidra li qed jabita fl-istess immobbli, u l-prezz tal-istess immobbli diga gie imhallas lill-vendituri.

Illi l-unika eccezzjoni tal-konvenut Pierre Gaffiero hija fis-sens, li qabel ma tigi ittentata din l-azzjoni, trid bilfors tigi konkluza l-azzjoni kontemplata mill-**artikolu 1323 (1) tal-Kap 16**, li tistipula is-segwenti:-

*"Jekk parti mill-mizzewgin tichad il-kunsens taghha ghal att ta' amministrazzjoni straordinarja, il-parti l-ohra tista' titlob lill-qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza biex taghti l-awtorizzazzjoni taghha meta l-att ta' l-amministrazzjoni straordinarja jkun mehtieg fl-interess tal-familja".*

Illi la darba skond l-**artikolu 1322 (3) tal-Kap 16,** l-akkwist ta' drittijiet fuq proprjeta' immobbli hija att ta' amministrazzjoni straordinarja, mela allura dan l-att *ai termini* tal-**artikolu 1322 (1)** ghandu jsir mill-mizzewgin flimkien, izda peress li f'dan il-kaz il-mizzewgin ma humiex qed jaqblu bejniethom, sar rikors mill-attrici datat 31 ta' Awissu 2000 ghall-applikazzjoni tal-**artikolu 1323,** sabiex din il-Qorti taghti l-awtorizzazzjoni taghha sabiex isir il-kuntratt ta' akkwist relattiv tal-immobbli indikati fil-konvenju premess u fil-kawza odjerna.

Illi fil-fatt l-unika eccezzjoni tal-konvenut Gaffiero hija li l-ewwel ghandha tinghata din l-awtorizzazzjoni, qabel ma jkunu jistghu jintlaqghu t-talbiet attrici, w allura l-oggezzjoni sussegwenti tal-konvenut ghal dan ir-rikors tal-attrici ma jaghmlux sens *di fronte* ghall-eccezzjoni tieghu stess. Illi certament li l-konvenut Gaffiero ma setghax jippretendi li ssir din it-talba biss qabel mal-istess attrici tipprocedi ghall-esekuzzjoni tal-konvenju, ghaliex dan setgha facilment iffisser li dan il-konvenju kien jiskadi, w allura l-akkwist tal-immobbli *ai termini* tal-konvenju iffirmat mill-partijiet, kien jilhaq jiskadi, u ghalhekk it-talba attrici *ai termini* tal-**artikolu 1323** kienet tigi resa superfluwa.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attrici kontenuta fir-

rikors taghha tal-31 ta' Awissu 2000, b'dan illi tawtorizza lill-attrici sabiex taghmel l-att ta' amministrazzjoni straordinarja sabiex takkwista permezz ta' kuntratt pubbliku l-*utile dominium temporanium* ghaz-zmien rimanenti minn mija u hamsin sena li bdew jghaddu mis-sena elf disa' mija u dsatax (1919) tal-*maisonette* sitwat *"at elevated ground floor level"* sottopost ghal maisonette ta' Robert Caruana u ta' Aurora Caruana Frasconia u sovrapost ghal zewg *garages* fi Triq Gdida bla isem li tati ghal Imgiebah Road, Selmun, limiti tal-Mellieha, soggett ghac-cens annwu u temporanju ta' lira u tnax-il centezmu (Lm1.12) fi stat ta' gebel u saqaf *tale quale* fl-istat li kien fil-jum tal-konvenju datat 3 ta' April 1997, bil-pussess battal, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u minn kull haga ohra liberu u frank verso l-prezz u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fil-konvenju premess, u sabiex taghmel dawk l-atti kollha relattati in konnessjoni mal-istess akkwist.

Illi l-fatt li hemm talba fic-citazzjoni attrici sabiex il-konvenut Pierre Gaffiero jigi ikkundannat jersaq ghall-istess kuntratt notarili ma huwiex ta' ostakolo ghall-istess talba kontenuta fir-rikors attrici appena citat, u dan stante li tali awtorizzazzjoni mill-Qorti kontentjuza hija rikjesta *ad validatem* fil-kaz ta' disgwid bejn il-mizzewgin skond l-**artikolu 1323 tal-Kap 16,** la darba minhabba din id-divergenza bejn il-konjugi Gaffiero, id-disposizzjoni tal-**artikolu 1322 (2)** li tirrikjedi li l-

mizzewgin jaghmlu tali att flimkien, ma setghatx tigi osservata. Illi t-talba tac-citazzjoni xorta ghalhekk tibqa' konsistenti mal-istess awtorizzazzjoni moghtija minn din il-Qorti, stante li *in virtu* tal-istess sentenza odjerna wkoll, il-konvenut Pierre Gaffiero qed ikun ikkundannat biex jidher fuq il-konvenju, u fin-nuqqas qed jigi nominat kuratur deputat ghall-kontumaci fuq l-istes att.

Illi rigwardanti l-istess konvenju, jidher li d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1357 (1) u (2) tal-Kap 16** gew ilkoll rispettati kif jirrizulta mit-termini tal-istess konvenju u mill-ittri ufficjali tal-24 ta' Lulju 1998 kontra l-konvenuti, u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex it-talbiet attrici ma ghandhomx jigu milqugha, u fil-fatt qed jigu hekk milqugha.

## <u>II. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' t-talba attrici kontenuta fir-rikors taghha tal-31 ta' Awissu 2000 b'dan illi tawtorizza lill-attrici sabiex taghmel l-att ta' amministrazzjoni straordinarja sabiex takkwista permezz ta' kuntratt pubbliku minghand is-socjetajiet konvenuti Windsor Development Limited u Land Investments Limited l-*utile dominium temporanium* ghaz-zmien rimanenti minn mija u hamsin sena li

bdew jghaddu mis-sena elf disa' mija u dsatax (1919) tal-*maisonette* sitwat *"at elevated ground floor level"* sottopost ghal maisonette ta' Robert Caruana u ta' Aurora Caruana Frasconia u sovrapost ghal zewg *garages* fi Triq Gdida bla isem li tati ghal Imgiebah Road, Selmun, limiti tal-Mellieha, soggett ghac-cens annwu u temporanju ta' lira u tnax-il centezmu (Lm1.12) fi stat ta' gebel u saqaf *tale quale* fl-istat li kien fil-jum tal-konvenju datat 3 ta' April 1997, bil-pussess battal, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u minn kull haga ohra liberu u frank verso l-prezz u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fil-konvenju premess, u sabiex taghmel dawk l-atti kollha relattati in konnessjoni mal-istess akkwist, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti u tal-konvenut Pierre Gaffiero, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-konvenuti Windsor Development Company Limited u Land Investments Limited solidament bejniethom jersqu ghal att notarili ta' bejgh u trasferiment tal-*utile dominium temporanium* ghaz-zmien rimanenti minn mija u hamsin sena li bdew jghaddu mis-sena elf disa' mija u dsatax (1919) tal-*maisonette* sitwat *"at elevated ground floor level"* sottopost ghal maisonette ta' Robert Caruana u ta' Aurora Caruana Frasconia u sovrapost ghal zewg *garages* fi Triq Gdida bla isem li tati ghal Imgiebah Road, Selmun, limiti tal-Mellieha, soggett ghac-

cens annwu u temporanju ta' lira u tnax-il centezmu (Lm1.12) fi stat ta' gebel u saqaf *tale quale* fl-istat li kien fil-jum tal-konvenju, bil-pussess battal, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u minn kull haga ohra liberu u frank verso l-prezz u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fil-konvenju.

(2) Tikkundanna lill-konvenut Pierre Gaffiero jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili fejn huwa jixtri u jakkwista mal-attrici l-*utile dominium temporanium* ghaz-zmien rimanenti minn mija u hamsin sena li bdew jghaddu mis-sena elf disa' mija u dsatax (1919) tal-*maisonette* sitwat *"at elevated ground floor level"* sottopost ghal maisonette ta' Robert Caruana u ta' Aurora Caruana Frasconia u sovrapost ghal zewg *garages* fi Triq Gdida bla isem li tati ghal Imgiebah Road, Selmun, limiti tal-Mellieha, soggett ghac-cens annwu u temporanju ta' lira u tnax-il centezmu (Lm1.12) fi stat ta' gebel u saqaf *tale quale* fl-istat li kien fil-jum tal-konvenju, bil-pussess battal, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu u minn kull haga ohra liberu u frank verso l-prezz u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fil-konvenju.

(3) Tiffissa il-gurnata tal-Hamis 21 ta' Frar 2001 fil-11.30. a.m. f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri,

Valletta, sabiex issir il-pubblikazzjoni tal-att notarili relattiv.

(4) Tinnomina Nutar Pubbliku Dr. Pierre Falzon LL.D biex jippublika l-att opportun.

(5) Tinnomina lill-Avukat Dottor Franco Debono bhala kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenuti eventwali kontumaci fuq l-att.

Illi din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata mill-attrici a spejjez tal-konvenut Pierre Gaffiero lill-istess Nutar Dr. Pierre Falzon, u lill-kuratur nominat Dr. Franco Debono.

Bl-ispejjez kollha inkluzi tal-konvenuti Windsor Development Company Limited u Land Investments Limited u dawk tal-ittri ufficjali datati 24 ta' Lulju 1998 kontra l-konvenut Pierre Gaffiero, peress li kien l-agir tieghu biss li nnecessita' proceduri odjerni.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**24 ta' Jannar 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**24 ta' Jannar 2001.**